**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 395/2018**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Maurice Curmi)**

**Vs**

**Lyudomic Dimitrov Dzhingarov**

Illum it-23 ta' April, 2021.

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Lyudomic Dimitrov Dzhingarov, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 42119A, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Jannar, 2015, għall-ħabta ta' 00:15 AM ġewwa Telgħet ix-Xemxija, San Pawl il-Bahar;

1. Saq vettura CB5227AA, u aktar meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Luca Costa u Harriet Cini skond kif iċċertifika Dr. Jeffrey Bonanno MD M.D. mill-M.D.H.;

2. U b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura nru. BBW-419 u nvolontarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta' Luca Costa;
3. Saq vettura CB5227AA b'manjiera perikoluża, traskurata, u bla kont;
4. U talli saq l-istess vettura mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq;
5. Saq l-istess vettura mingħajr ma kien (persuna)/kienet (*vehicle*) kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
6. Talli saq b'veloċita' aktar milli jmissu;
7. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura nru CB52277AA fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;
8. Saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kien qed jagħmel użu mis-*seat belt*;
9. Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija (PS 419) fil-qadi ta' dmirjietu, jew ma ħalliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu dmirijiethom, jew b'xi mod bla jedd indaħal fl-istess dmirijiet billi ma ħalliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jagħmlu dak li b'liġi kien ordnat li jagħmlu w billi ħassar, jew ġab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bħala awtorita' kienu għamlu;
10. Kellu fil-pussess tiegħu arma mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti, wara li rat l-Art. 226 tal-Kap. 9, l-Art. 328 tal-Kap. 9, l-Art. 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, L.S. 65.11 MVR 127, l-Art. 15A tal-Kap.65, l-Art. 3 LS 65.12, l-Art. 338(ee) tal-Kap. 9 u l-Art. 5 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Lyudomic Dimitrov Dzhingarov ħati tal-akkużi kollha u għar-rigward l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba', l-hames, is-sitta, is-sebgħa, t-tmienja, u d-disa' akkużi, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kkundannatu għal sena priġunerija sospiżi għal sentejn. Għar-rigward l-għaxar akkuża kkundannatu multa ta' mija u għoxrin ewro (€120). Filwaqt li ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant, Lyudomic Dimitrov Dzhingarov, ippreżentat fil-15 ta' Ottubru, 2018, fejn talab lill-Qorti tirrevoka l-istess sentenza, tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena, jew tvarja l-piena.

Rat l-aggravji mressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżibita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell minnu ntentat l-appellant jattakka l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, u dan għaliex fil-fehma tiegħu meta din ġiet għad-deċizjoni tagħha dwar il-ħtija straħet unikament fuq il-filmat tas-CCTV eżibiet in atti, u dan fl-assenza ta' espert maħtur *a tempo vergine* biex jistabbilixxi d-dinamika ta'l-inċident. Jikkontendi illi mhuwiex minnu illi huwa kien qiegħed isuq b'velocita' eċċessiva, iżda l-vettura skiddjat hekk kif wasal mal-liwja fit-triq minħabba l-kundizzjonijiet ambjentali u ċioe' minħabba l-ilma tal-baħar li kien tiela' fuq l-art u wkoll billi dakinhar kienet ix-xita. Bl-istess mod, jgħid li ma tressqitx prova dwar is-sewqan perikoluż jew bla kont u lanqas ma hemm prova li hu ma kienx liebes is-*seat belt*. Jikkontendi wkoll illi għalkemm il-vettura misjuqa minnu ma kenitx għada reġistrata hawn Malta, madanakollu dan ma kellux awtomatikament ifisser illi din ma setatx tinstaq fit-triq. L-appellant huwa tal-fehma wkoll illi ma tressqitx prova dwar il-fatt li ma kienx f'qagħda li jsuq peress illi ma ġiex sottopost għat-test tan-nifs, kif lanqas hemm prova dwar il-vjolazzjoni ravvizata fl-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Finalment jisħaq illi x-xhieda tal-ispettur Maurice Curmi għandha tiġi skartata peress illi hija bbażata fuq *hearsay evidence* apparti li hija mimlija mpreċiżjonijiet u kostatazzjoni ta' fatti żbaljati.

**Ikkunsidrat:**

Illi sabiex jiġu ndirizzati l-lanjanzi ventilati mill-appellant, il-Qorti fliet l-atti proċesswali bir-reqqa inkluż ir-ritratti li ġew eżibiti, ir-rapport tal-pulizija dwar l-inċident u l-investigazzjonijiet illi saru, kif ukoll rat il-filmat tas-CCTV li ġie eżebit mill-prosekuzzjoni fejn jidher il-mument meta seħħ l-inċident u dak li seħħ fil-ħin

sussegwenti. Il-Qorti eżaminat ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet fid-dawl tal-fatt illi minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta illi l-Ewwel Qorti abbraċat it-teżi pprospettata mill-prosekuzzjoni f'din in-nota, kif ukoll ħadet qies b'mod speċjali tal-kontenut tal-filmat eżebit fl-atti.

Illi minn eżami ta' dawn l-fatti probatorji allura jemerġi illi nhar it-28 ta' Jannar 2015 għall-ħabta tal-12:20 ta' filgħodu seħħet kolliżjoni fil-bajja tax-Xemxija bejn żewġ vetturi waħda bin-numru ta' reġistrazzjoni BBW419 tal-għamla Peugeot misjuqa minn Luca Costa u vettura oħra bin-numru ta' reġistrazzjoni Bulgaru CB5227AA tal-għamla BMW misjuqa mill-appellant. Meta l-pulizija marru fuq il-post sabu lil Luca Costa u lil Henriette Cini, li kienet passiġġiera ma' Costa, mixħutin mal-art jingħataw l-ewwel għajnuna minn xi nies, fosthom tabiba, sakemm waslet l-ambulanza u ħadithom l-isptar. Kien hemm ukoll l-appellant fuq il-post li meta ġie avviċinat mill-pulizija ġie nnutat li kellu riħa qawwija ta' xorb fuqu, apparti li beda jlaqlaq fi kliemu u ma kienx sod fil-mixi tiegħu. L-appellant irrifjuta l-għajnuna medika għaliex beda isostni li hu ma kienx weġġa' fl-inċident. Informa lil pulizija wkoll illi meta seħħet il-kolliżjoni kien hemm tlett persuni oħra fil-vettura miegħu, li kienu ħbieb tiegħu, iżda meta mistoqsi min kienu saħaq illi ma jafx min huma. L-appellant ġie arrestat u saret tfittxija fil-baskett tiegħu fejn ġiet misjuba sikkina. Irriżulta illi Costa u Cini kienu sofrew ġrieħi ħfief fl-inċident. Minn stħarriġ ulterjuri li sar rigward il-vettura misjuqa mill-appellant, irriżulta li din kienet inġiebet Malta minn ċertu Nicolai Blogov Petcov li meta ġie mitkellem mill-pulizija kkonferma li hu kien biegħ il-vettura lill-appellant u li din ma kenitx koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni. Il-pulizija elevaw ukoll filmat minn kamera tas-sigurta' (CCTV) sitwata barra l-ħanut bl-isem *Pit-Stop*. Minn dan il-filmat il-vettura BMW tidher nieżla n-niżla tax-Xemxija b'ċertu veloċita' u kif ġiet biex iddur mal-liwja li hemm kif taqbad il-bajja, titlef il-kontroll, iddur għal fuq ix-xellug u mbagħad taqleb għall-karreġjata tat-traffiku ġej mid-direzzjoni l-opposta u ċioe' minn fejn kienet ġejja il-vettura Peugeot misjuqa minn Costa. Minn dan il-filmat huwa wkoll evidenti illi sa numru ta' minuti wara l-impatt ma tidher ebda persuna ħierġa mill-vettura BMW għajr ghall-appellant li jiġi osservat ħiereġ u reġa dieħel fiha fejn finalment reġa ħareġ kif wasslu il-pulizija. Irriżulta wkoll illi fil-jum ta'l-inċident l-vettura ma kenitx koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi jibda biex jingħad illi għalkemm l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha tat piż kbir lil filmat eżebit in atti, dan kien jikkostitwixxi indubbjament prova valida skont il-liġi, prova li ġiet elevata mill-pulizija, minnhom ikkonservata u finalment sabet postha fl-atti tal-kawża fejn l-appellant fl-ebda stadju tal-proċeduri ma kkontesta l-validita' ta'l-istess.

L-awtur *Murphy*, fil-ktieb tiegħu '*A Practical Approach to Evidence*' (3rd Ed) jagħti dina id-definizzjoni ta' '*Real evidence*' (fol. 7):

> ***'A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. ...***
>
> ***'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.***

Ikompli:

> ***'The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR***

***489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'.***

Fil-kawza *Taylor vs Chief Constable of Cheshire* (1986), Ralph Gibson LJ ighid:

> ***'Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"***

Issa jidher illi l-filmat eżebit in atti ġie elevat mis-surġent 419 Antoine Buttigieg mill-kameras tas-sigurta' tal-istabbiliment bl-isem *Pit Stop* fil-kors tal-istharriġ minnu kondott u gie imbagħad minnu ippreżentat fil-Qorti. Dan il-filmat juri is-sekwenza tad-dinamika ta'l-inċident, bl-awtentiċita' tiegħu, kif ingħad, ma tiġix ikkontestata mill-appellant issa fi stadju ta' reviżjoni. Fil-fatt mill-kontenut tal-istess ma jidhirx illi dan il-filmat ġie b'xi mod mittiefes jew alterat u dan peress illi juri l-inċident kollu li seħħ sa ftit mumenti qabel l-impatt għall-ħin wara sakemm ġew il-pulizija u l-ambulanza fuq il-post. Dan il-filmat allura huwa korroborrativ ta' dak li jixhdu ix-xiehda diretti dwar dan l-inċident u cioe' il-parti leza u il-passiġġier riekba miegħu dak in-nhar tas-sinistru li jikkonfermaw illi raw il-vettura misjuqa mill-appellant ġejja bi speed eċċessiv fid-direzzjoni tagħhom, u tal-pulizija involuti fl-investigazzjoni ta' dan il-każ.

Il-filmat madanakollu jindika diversi fatti importanti:

1. Kien l-appellant l-unika persuna fil-vettura meta seħħ is-sinistru. Għalkemm jistqarr mal-pulizija li kien hemm xi ħbieb ohra miegħu, madanakollu la jindika min kienu dawn in-nies u lanqas jidhru ħergin mill-vettura fuq il-filmat. Kemm Costa kif ukoll Ċini jikkonfermaw illi dak in-nhar fil-vettura kien hemm biss l-appellant u li ma kienu raw lil ħadd iktar fuq il-post tal-incident.
2. Illi l-vettura misjuqa mill-appellant tidher nieżla in-niżla tax-Xemxija b'ċertu veloċità u kif taqbad il-liwja li tieħu lejn il-bajja titlef il-kontroll u tispiċċa fuq il-karreġġjata tat-traffiku ġej mid-direzzjoni l-opposta sabiex seħħet il-

kolliżjoni. Dan jikkonfermawh ukoll Cini u Costa li igħidu li l-vettura ġiet bi *speed* qawwi għal fuqhom u ċioe' fuq il-karreġġjata tat-triq fejn kienu jinstabu.

3. Mill-istess filmat jidher evidenti illi mal-impatt l-appellant, minn fuq is-seat tax-xufier, spiċċa fis-sedil tal-passiġier, u li kieku kien liebes ċinturin tas-sigurta' dan ma kienx ikun fiżikament possibbli.

**Ikkunsidrat:**

Illi esposti dawn il-fatti probatorji sostanzjati minn xiehda kemm diretta kif ukoll indiretta u ċirkostanzjali, huwa indubitat illi l-kawża prossima ta'l-inċident kien is-sewqan eċċessiva u bla kont tal-appellant li għalkemm kien ben konxju li dak in-nhar kienet ix-xita u allura it-triq setgħet tippreżenta aktar periklu, u għalkemm kien jaf li kien qed joqrob liwja fit-triq huwa għazel li jibqa' għaddej bl-istess veloċità sabiex b'hekk spiċċa tilef il-kontroll tal-vettura u ħabat *head on* fil-vettura li kienet qed tinsaq fil-karreġġjata l-opposta tat-triq. Il-Qorti tinsab komfortata minn ġurisprudenza nostrana kopjuża in materja inkluż dik li tirrigwarda r-responsabbilta' tas-sewwieqa f'liwja u f'kundizzjonijiet ambjentali ħżiena. Fis-sentenza **il-Pulizija vs Kevin Caruana** ġie ritenut illi:

> **.... "ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll tal-karozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu nnifsu hija prova ndizjarja jew "circumstantial evidence" li tohloq "presumption of fact" ta' sewqan hazin, ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll.**
>
> **L-appellant qed iqajjem id-diviza tal-"casus" kagjonata minn skiddjar tal-vettura tieghu. F'materja ta' "skidding" il-principju regolatur ma jistax hlief ikun dan. L-skid wahedha mhix la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabbilta' nonostante l-"skid". Jekk ma tirrizultax, allura l-"skid" hija "a good defence" ghax tkun "inevitable accident". Ghaldaqstant biex tirmexxi d-difiza tal-"skid", jinhtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-"skid" dovuta ghall-art tizloq imma ukoll li l-"skid" saret bla ebda negligenza tieghu w li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq. Meta driver jipprova mhux biss il-fatt tal-"skid" "sic et simpliciter", imma jipprova ukoll li l-"skid" saret bla ebda htija tieghu, izda accidentalment b'mod li l-vettura, bla htija tieghu w accidentalment, saret inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabilta' kriminali."**

**Gie ukoll ritenut li "meta tissuciedi kollizzjoni minhabba li wahda mill-karozzi tkun skiddjat, id-driver tal-karozza li skiddjat huwa responsabbli jekk ma gharafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita w jnaqqas l-skiddjar meta kellu z-zmien biex jaghmel dan u hu aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li tipprovoka l-aggravament tal-iskiddjar. Ghax l-imperizja fis-sewqan bhas-sewqan hazin hija htija."**

**Kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu w jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta'.**

**Il-fatt li vettura tant tohrog mill-kontroll tal-konducent li tispicca kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u tahbat ma "oncoming car" hu l-epitome tas-sewqan hazin u zgur jinkwadra ruhu fil-kontest tas-sewqan perikoluz li bih gie akkuzat u nstab hati l-appellant.[1]**

In oltre ġie ritenut ukoll illi:

**"Huwa principju assodat fil-ġurisprudenza, li sewwieq ta' vettura għandu jsuq b' mod diliġenti tali li jkollu l-kontroll sħiħ tal-vettura misjuqa minnu. Konformament ma' dan, huwa għandu l-obbligu li jassigura li s-sewqan tiegħu ma jpoġġihx f' sitwazzjoni fejn ma jkunx jista' jirreaġixxi b' mod adegwat għal xi emerġenza li tista' tinħoloq. Huwa ovvju li meta t-triq tkun għan-niżla u jkun hemm lilwa, l-attenzjoni tas-sewwieq u l-grad ta' prudenza li għandu juza, għandha tkun akbar ……"[2]**

Spjanat dan it-tagħlim ġurisprudenzjali u abbinat mal-provi in atti huwa evidenti mid-dinamika tal-inċident illi l-appellant kien qed isuq il-vettura BMW b'veloċita' eċċessiva fejn konsegwentement hu tilef il-kontroll ta' din il-vettura kif qabad il-liwja, liema fatt kien aggravat mix-xita li kienet nieżla f'dak il-waqt u fejn konsegwentement hu qabeż għal fuq il-karreġjata l-opposta u ħabat fil-vettura misjuqa minn Costa. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kieku l-appellant kien qed isuq b'kawtela u b'anqas veloċita', hu kien ikun f'posizzjoni illi jevita l-impatt li seħħ. Fuq kollox *"speed jista' jkun eċċessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari iżda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument."*[3] Finalment għal dak li jirrigwarda l-ġrieħi sofferti minn

[1] Deċiża nhar it-3 ta' April 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri u ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

[2] Mizzi Brian R. Et Noe Vs Ciappara John deċiża mill Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26/03/2003 mill-Imħallef Noel Cuschieri. Ara wkoll Middle Sea Insurance Company Ltd Et Vs Psaila Stuart deċiża mill-istess Qorti u ġudikant nhar it-8 ta' Ottubru 2004.

[3] Ara s-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Zarb Adami Francis William Peter George deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono nhar is-7 ta' Frar 2003

Luca Costa u Harriet Cini u l-ħsarat riskontrati matul dan l-inċident fil-vetturi rispettivi tal-ko-litigandi, dawn jinstabu ampjament ippruvati u dokumentati in atti apparti illi ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwarhom mill-appellant.

L-appellant jikkontendi wkoll illi ma kien hemm ebda prova in atti li tista' twassal għas-sejbien ta' htija għas-seba' imputazzjoni billi ma jirriżultax illi huwa ma kienx f'kundizzjoni isuq minħabba li kien inebrijat. Issa ġie deċiż illi:

> **"Meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghal inkapacita` li trid tezisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun, kif ukoll indipendentement mill-ansjeta` dovuta ghall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku."**
>
> **In oltre "..ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx. Biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C."[4]**

Illi allura ma kienx meħtieg prova dwar it-test tan-nifs sabiex tirriżulta r-reita' għal din l-imputazzjoni, kuntrarjament għal dak li jsostni l-appellant. Illi s-surgent 419 Buttigieg li mar fuq il-post immedjatament kif seħħ l-inċident isostni illi meta kellem lill-appellant innota li dan ma kienx sod fuq saqajh. Dan ix-xhud jgħid ukoll illi xamm riħa ta' alkoħol fin-nifs ta'l-appellant iżda dak il-ħin huwa ma dehrlux li kellu jissomministra t-test tan-nifs billi l-appellant kien qed jallega illi ma kienx hu l-persuna li kienet qed issuq il-vettura. Illi minn stħarrig ulterjuri magħmul minn dan is-surgent tal-pulizija, inoltre, fejn hu kien tkellem ma' tfajla li allegatament f'dik il-lejla kienet fil-kumpanija tal-appellant qabel seħħ l-inċident, ġie ikkonfermat minnha illi kemm hi kif ukoll l-appellant kienu ikkunsmaw ammont ta' alkoħol waqt li kienu fil-kumpanija ta' xulxin. Illi għalkemm din it-tfajla qatt ma tressqet bħala xhud mill-

[4] Pulizija vs Marlon Montebello deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri nhar il-9 ta' Frar 2001 u ppreseduta mill-Imħallef Emeritus Vincent Degaetano.

Prosekuzzjoni sabiex tikkonferma dak minnha allegat, madanakollu kemm minn dak riskontrat minn PS419 meta kellem lill-appellant wara l-incident, kif ukoll mill-filmat eżebit in atti fejn l-appellant jidher jixxengel fil-mixja tiegħu, huwa indubitat illi l-appellant ċertament ma kienx f'kundizzjoni isuq il-vettura tiegħu minħabba stat ta' intossikazzjoni.

Illi finalment mid-dokumenti eżebiti in atti, jidher illi l-vettura misjuqa mill-appellant kienet ġiet importata f'Malta mill-Bulgarija liema vettura ma kenitx liċenzjata għall-użu fit-triq mill-Awtorita' tat-Trasport. *Di piu'* l-assikurazzjoni li kienet tkopri din il-vettura kienet skadiet proprju f' Diċembru 2014 u dan kif jirriżulta mid-Dokument MC1 eżebit mill-Ispettur Maurice Curmi. Fuq kollox kien jinkombi fuq l-appellant li iressaq il-prova illi fil-jum meta seħħ is-sinistru l-vettura kienet assikurata kontra r-riskji għal terzi persuni fit-termini tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta[5], ħaġa illi huwa jonqos milli jagħmel.

Illi finalment għal dak li jirrigwarda l-ksur kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali jingħad illi din id-disposizzjoni ma titrattax biss in-nuqqas ta' koperazzjoni f'tagħrif personali mogħti dwar l-identita' tal-persuna kkonċernata, iżda tkopri wkoll tfixkil fix-xogħol li jkun qed isir mill-pulizija. Issa jirriżulta ppruvat illi l-appellant kien żvija lill-pulizija involuti f'din l-investigazzjoni billi qalilhom illi kien hemm persuni oħra fil-vettura tiegħu, liema persuni qatt ma ġew identifikati minnu, u meta stqarr li mhux hu kien is-sewwieq tal-vettura involuta fis-sinistru. Infatti dan wassal sabiex l-investigazzjoni twalet inutilment apparti illi ċertu provi li setgħu inġabru mill-pulizija *a tempo vergine* ma ġewx elevati f'waqthom minħabba l-informazzjoni żbaljata illi l-appellant kien appożitament għaddielhom. Kwindi hija l-fehma ta' din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, illi dan l-aġir seta' wassal għat-tfixkil ravviżat f'din id-disposizzjoni tal-ligi u għalhekk anke din l-imputazzjoni hija ippruvata.

**Ikkunsidrat:**

[5] Artikolu 3(1A)

Illi jifdal biss l-aħħar gravam sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti u dan meta l-appellant jisħaq illi din kienet eċċessiva. Jingħad biss illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda alternattiva għal priġunerija effettiva u tinsab fil-parametri tal-liġi, anzi tqarreb lejn il-minimu. Fuq kollox l-inċident mertu ta' dan il-każ seta' kellu konsegwenzi ferm aktar gravi tenut kont tas-sewqan perikoluż u traskurat imputabblli lill-appellant. Kwindi l-Qorti hija tal-fehma illi l-piena mposta m'għandiex tiġi disturbata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien sena għandha tibda tiddekorri minn għada fil-għodu fid-9:00a.m.

Edwina Grima

Imhallef